**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU DSATAX**

**14 ta' NOVEMBRU, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**19.1 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

19.1.1 Fir-rigward ta' punt 18.1.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Perit Bezzina għamel ir-rapport fuq ix-xogħol li sar fuq l-istatwa ta' Santa Marija f'Bubaqra. Kien hemm qbil li tali rapport jingħata lill-Kumitat għat-titjieb tal-ambjent minħabba li kienu huma li talbu r-rapport, sabiex ikunu jistgħu jipproċedu fuq il-pagamenti neċessarji.

19.1.2 Fir-rigward ta' punt 18.1.2 l-membru Joseph D'Amato rnexxielu jġib 4 siġar taż-żebbuġ u fjuri biex ġew imħawla fi Triq San Martin.

Kien hemm qbil li titwaħħal il-'mile stone' viċin is-siġar taż-żebbuġ.

19.1.3 Fir-rigward ta' punt 18.1.5 kien hemm qbil li meta jsir it-tindif ikun preżenti l-membru Joseph Caruana sabiex ifiehem lill-ħaddiema x'għandhom inaddfu.

F'dan il-ħin daħlet il-Viċi Chairperson Maria Schembri (6.50pm)

19.1.4 Fir-rigward ta' punt 18.2.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat Amministrattiv li d-deċiżjoni tal-Kunsill kienet li ġaladarba l-art tinsab fiż-żona ta' Bubaqra, għandu jkun il-Kumitat Amministrattiv li jtella ċ-ċint mitlub.
Kien hemm qbil li l-art kollha ta' Triq il-Qiegħa tiġi mdawra b'kurduna.

19.1.5 Fir-rigward ta' punt 18.4.1 iġabet stima mingħand Camray Co Ltd u għal kull ħofra bil-manhole cover b'kollox ser tiġi tiswa €120+VAT. Kien hemm qbil li issir l-ordni għax-xogħol.

19.1.6 Fir-rigward ta' punt 18.4.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina aċċettat li tagħti s-servizz għas-somma ta' €350 li tinkludi twaħħil ta' arbli u installazzjoni ta' ornamenti li jiġu provduti mill-Kumitat Amministrattiv.

Kien hemm qbil li d-dawl jinxtgħel mit-8 ta' Diċembru sat-8 ta' Jannar u mill-5.00 sal- 11 ta' filgħaxija tul ix-xahar kollu minbarra fil-ġimgħa tal-Milied li jkun jixgħel mill-5 ta' filgħaxija sas-siegħa ta' filgħodu.

19.1.7 Il-minuti tas-seduta numru 18 ġew approvati.

***19.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

19.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li sal-1 ta' Diċembru jkollu r-writepups għall-fuljett 'Leħen Bubaqra' li jrid jitqassam qabel il-Milied.

19.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-*yellow line* li ġie approvat li jsir fi Triq Dun Salvatore Magri għadu ma sarx. Kien hemm qbil li jiġu kkuntatjati l-Koptasin.

19.2.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ġie nfurmat li s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said jista jgħati €70,000 għal Triq Dun Nard Mallia u mhux l-ispiża kollha.
Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jaċċetta s-somma li ser tkopri t-tarmakk tat-triq u fejn ikun hemm bżonn li ssir bankina jew manutenzjoni ta' xi bankina jsiru mill-budget tal-KAB. Kien hemm qbil li fejn hemm bankini tajbin, ma jiġux mibdula.

19.2.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Kumitat Amministrattiv ġie mgħoti s-somma kollha biex issir Triq Goswalda Callejja taħt l-iskema ta' Finanzjament għall-proġetti u inizjattivi li tammonta għal €19,952.30.

Kien hemm qbil li l-preparamenti għax-xogħol jistgħu jibdew immedjatament.

### *19.3 Riċeviment tal-Milied għat-tfal*

19.3.1 Kien hemm qbil li d-data tar-riċeviment tkun id-19 ta' Diċembru u ssir fis-sala tal-Kappella ta' Bubaqra li l-KAB ser iħallas €30 għat-tindif tagħha.
Kien hemm qbil li l-ikel jiġi ordnat mingħand Dolceria Appettitosa li tinvolvi set menu 1 għall-prezz ta' €1.50, għal kull persuna. Ix-xorb ser jingħata b'xejn mill-ħanut tal-merċa li jinsab fi Triq il-Luq.

Kien hemm qbil li jerġa jiġi avviċinat id-Dulli biex jagħti prezz għas-servizz tiegħu u ċ-Chairperson jipprova jġib donazzjonijiet għar-rigali u sabiex dan ir-riċeviment ikun jista jsir.

Kien hemm qbil li r-riċevement ikun għat-tfal ta' bejn il-5 u l-11 –il sena.

### *19.4 Ilmenti u Suġġerimenti*

19.4.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat minn residenti fejn talbu sabiex il-bus stop li hemm fi Triq San Martin fil-parti d-dejqa jiġi mressaq għal parti oħra aktar wiesa, ħalli meta tieqaf l-Arriva ma tostakolax it-traffiku. Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Arriva fejn jiġi ssuġġeriet dan u qabel jiċċaqlaq il-KAB jiġi nfurmat bil-post biex ma jkunx ta' ostaklu għar-residenti.

19.4.2 Il-membru Annetto Bugeja qal li jeħtieġ li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jkun infurmat min kien il-perit li kien involut fir-rapport li ġie mħejji fir-rigward tar-restawrar tal-istatwa ta' Santa Marija. Minħabba li meta hu u l-membru Joseph Caruana marru mal-Perit Bezzina biex jaraw ix-xogħol li sar fuq l-istatwa, l-Perit Bezzina nfurmhom li hu ma kienx kompetenti fuq dan ix-xogħol u li kien ser iqabbad perit ieħor.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tistaqsi lill-Perit Bezzina.

19.4.3 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li t-tiswija tal-WSC

fi Triq Marija Farrug saret wara ħafna dewmien.

19.4.4 Il-membru Joseph Caruana rrefera għal ilment li daħal minn residenta fi Triq it-Tin li trid li jsiru *double yellow lines* quddiem il-garaxxijiet tar-residenza tagħha biex nies li jmorru jixtru mill-ħwienet tal-viċin ma jimblukkawx il-garaxxijiet tagħha. Kien hemm qbil li din ir-residenta tintalab twaħħal tabella ta' *no parking* mal-garaxxijiet tagħha u li ma jsirux linji.

19.4.5 Il-membru Joseph Caruana ssuġġerixxa li jsiru lampi fil-parti ta' Triq Ħal Far li tagħmel ma' Bubaqra minħabba li jagħddu ħafna nies jimxu u tinsab mudlama.
Kien hemm qbil li għal seduta oħra titressaq stima għal 5 lampi u jerġa jiġi diskuss is-suġġeriment.

19.4.6 Il-membru Joseph Caruana qal li ser jipprova jkellem persuna mit-TM biex l-Arriva tibda taqdi lir-residenti tal-HOS f'Bubaqra. Kien hemm qbil fuq dan.

19.4.7 Il-membru Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat minn resident fi Vjal l-Indipendenza li qed jgħid li residenti ta' St Agatha Complex qed jimblukkawlu l-garaxx għalhekk irid xi tip ta' poles jew konkos biex vetturi ma jipparkjawx quddiemu.

Ma kienx hemm qbil fuq dan u ġie ssuġġeriet li meta jkun hemm kontravenzjoni jittieħed ritratt u jiġi rrappurtat.

***19.5 Appuntament għas-seduta li jmiss***

19.5.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

19.5.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-7.40 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Diċembru, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**